MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 450/2005

**Benjamin Mangion Limited**
**(C – 22251)**

**vs**

**Integrated Business Systems Limited**
**(C – 18440)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-11 ta’ Mejju, 2005, li permezz taghha s-socjeta` attrici ippremettiet sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` attrici taghmel xoghol ta’ stampar;
1.2. Illi akkwistat magna tal-istampar kif indikata fl-istess citazzjoni minghand is-socjeta` konvenuta inkluz “*printer*” u “*software computer system*” ghall-prezz ta’

tlettax –il elf, hames mija u sebghin Lira Maltin, (LM13,570.00), inkluz il-VAT;

1.3. Illi l-oggetti indikati fil-paragrafu precedenti gew debitament imhallsa mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta;

1.4. Illi l-magna *de quo* kienet ghall-istampar ta' "*banners*" skont id-depliant u kellha garanzija ta' tlett (3) snin;

1.5. Illi meta s-socjeta` attrici bidet taccetta x-xoghol ta' stampar ta' dawn il-"*banners*" din ukoll bdiet toffri garanzija ta' tlett (3) snin meta l-"*poster*" jew "*banner*" jigi espost barra ghall-elementi;

1.6. Illi peress li dawn il-"*posters*" u "*banners*" bdew jiccaraw wara ftit gimghat li jkunu hekk esposti, il-klijenti bdew jilmentaw;

1.7. Illi per konsegwenza s-socjeta` attrici kellha taghmel "*over lamination*", tistampa kollox mill-gdid u thallas ghal dan kollu minn butha;

1.8. Illi s-socjeta` konvenuta kienet infurmata bl-akkadut u assikurat lis-socjeta` attrici li kienet ser issolvi l-problema;

1.9. Illi ghal dan il-ghan, baghtet it-teknici taghha;

1.10. Illi ghalhekk il-magna konsenjata mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici ma kienitx tal-kwalita` pattwita;

1.11. Illi s-socjeta` attrici sofriet danni anke stante li tilfet klijenti u kellha tohrog flus minn butha biex terga' taghmel ix-xoghol mill-gdid;

1.12. Illi inkluz fil-prezz tal-magna hemm ukoll sena manutenzjoni b'xejn;

1.13. Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici aderiet ruhha lil din il-qorti biex is-socjeta` konvenuta tghid ghaliex il-qorti m'ghandhiex:

1.13.1. Tiddikjara li l-magna *AIT Jetsolver 633* mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` attrici min dik konvneuta ma kinitx tal-kwalita` pattwita liema fatt inaqqas mill-valur taghha;

1.13.2. Tistabbilixxi, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, il-valur gust tal-magna effettivament ikkonsenjata kif fuq intqal;

1.13.3. Tillikwida l-porzjon tal-prezz li ghandu jigi restitwit lis-socjeta` attrici *a tenur* tal-artiklu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.13.4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici dik is-somma hekk likwidata;

1.13.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata t-8 ta' Gunju, 2005, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

2.1. Illi ghandha tigi kjamata fil-kawza id-ditta Ingliza *Applied Image Technology* li ssuppliet il-magna in dizamina u tat l-assikurazzjoni necessarja;

2.2. Illi ghandu jigi deciz jekk is-socjeta` attrici tatx bidu ghall-proceduri fiz-zmien lilha koncess;

2.3. Illi l-allegazzjoni li l-magna ma kienitx tal-kwalita` pattwita mhix konfortata mill-fatti;

2.4. Illi s-socjeta` konvenuta mxiet skont l-obbligi taghha;

2.5. Illi ghandu jigi ezaminat jekk is-socjeta` attrici uzatx il-magna in dizamina skont is-sengha u l-arti;

2.6. Illi l-azzjoni ezercitata mhix wahda ghad-danni u ghalhekk kull referenza ghal dan ghandha tigi skartata;

2.7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.0. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-31 t'Ottubru, 2005, li permezz tieghu ordnat is-segwenti: (ara fol 19);

3.1. Illi irrizervat li tipprovdi dwar it-talba ghal kjamata in kawza fi stadju ulterjuri;

3.2. Illi t-tieni eccezzjoni preliminari tigi trattata u deciza flimkien mal-meritu;

4. Rat id-digriet tal-istess qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti datat l-20 ta' Frar, 2006, li permezz tieghu hatret lill-espert tekniku hemm indikat;

5. Rat ir-relazzjoni peritali ipprezentata in atti fit-28 ta' Mejju, 2012, (ara fol 59 *et sequitur*);

6. Rat id-digriet datat is-27 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu awtorizzat li t-trattazzjoni finali ssir kemm b'mod skritt kif ukoll oralment fil-modalita` hemm indiakta, (ara fol 119);

7. Tirrileva li l-koncessjoni indikata fil-paragrafu precedenti ghaddiet inutilment;

8. Ezaminat l-affidavit prodott flimkien mad-dokumenti esebiti;

9. Tirrileva li t-trattazzjoni orali finali ma gietx utilizzata;

Ikkonsidrat:

10.0. Illi r-relazzjoni peritali u l-affidavit prodott jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi wara li fl-2003 is-socjeta` attrici esplorat diversi agenti li jissupplixxu t-tip ta' magni tal-istampar tal-kwalita`

minnha rikjesta, ghazlet li fit-12 ta' Mejju, 2003, tixtri dik supplita mis-socjeta` konvenuta kif indikata fic-citazzjoni promotrici, (ara fol 1), inkluz il-"*printer*" u s-"*software*";

10.2. Illi s-socjeta` konvenuta iggarantiet ukoll "*Three year all weather outdoor durability without over-lamination*";

10.3. Illi muniti b'tali garanzija s-socjeta` attrici offriet l-istess kondizzjoni lill-klijenti taghha;

10.4. Illi mill-ewwel uzu taghha l-magna *de quo* ma bdietx taghti r-rendiment pattwit u per konsegwenza s-socjeta` attrici giet inondata bl-ilmenti mill-klijenti taghha;

10.5. Illi ghalkemm it-teknici tas-socjeta` konvenuta ipprovaw jirrimedjaw is-sitwazzjoni, dan kien inutili;

10.6. Illi rizultat tal-karenzi riskontrati l-klijenti tas-socjeta` attrici jew ma hallsuhiex tax-xoghol lilhom konsenjat jew irritornawlha x-xoghol lura;

10.7. Illi konsegwenza tal-istess l-istampar involut hafna drabi kellu jerga' jsir mill-gdid u kien ukoll jinvolviha f' "*over-lamination*" li kellha taghmel tajjeb ghalih l-istess socjeta` attrici;

10.8. Illi dan ukoll involva lis-socjeta` attrici fi spejjez konsiderevoli ghall-manutenzjoni li kienet kostretta taghmel fuq il-magna in dizamina;

10.9. Illi minn access kondott mill-perit tekniku nominat jirrizulta wkoll is-segwenti:

10.9.1. Illi l-magna konsenjata mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici kienet differenti min dik miftiehma u riklamata, (ara fol 64);

10.9.2. Illi l-inka wzata kienet qed tikkaguna "*clogging*";

10.9.3. Illi dan il-"*clogging*" jaghmel hsara fil-pompi tal-magna;

10.9.4. Illi l-istampa prodotta mill-magna *de quo* kienet ticcara wara xhur u mhux snin kif riklamat, (ara fol 64);

10.10. Illi in vista tal-premess l-istess espert tekniku nominat ikkonkluda s-segwenti:

10.10.1. Illi l-magna *de quo* ma kienitx tal-kwalita` pattwita;

10.10.2. Illi mhux eskluz li s-socjeta` attrici sofriet danni f'telf ta' klijenti, fi spejjez u fi hlas ta' manutenzjoni;

10.10.3. Illi rigward l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` konvenuta jinghad li din giet moghtija kull fakulta` tipprezenta l-provi taghha fir-rigward izda naqset li taghmel dan, u konsegwentement, ma pprovatx l-allegazzjonijiet taghha fir-rigward;

Ikkonsidrat:

10.Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti tiddikjara li m'ghandhiex ragunijiet ghaliex m'ghandhiex tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku nominat u konsegwentement tiddikjara li qed taghmilhom taghha;

**DECIDE:**

12.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li:

12.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta *Integrated Business Systems Limited*;

12.2. Tiddikjara li l-magna in dizamina meritu ta' din il-procedura *AIT Jetsolver 633* bil-"*printer*" u "*software*" maghha annessi mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` attrici minn dik konvenuta ma kienux tal-kwalita` pattwita;

12.3. Tiddikjara li stante li la l-istess socjeta` attrici u lanqas l-espert tekniku nominat ma stabbilew:

12.3.1. Il-valur gust tal-magna effettivament ikkonsenjata; u

12.3.2. Il-likwidazzjoni tal-porzjon tal-prezz li ghandu jigi restitwit lis-socjeta` attrici *a tenur* tal-artiklu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

kif mitlub mill-istess socjeta` attrici, mhux possibbli ghal din il-qorti biex tghaddi ghall-istess likwidazzjoni u kundanna kif mitluba,

12.4. Illi konsegwentement in vista ta' tali nuqqasijiet:

12.4.1. Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza biex tigi epurata l-istess likwidazzjoni mitluba mis-socjeta` attrici;

12.4.2. Taghti tlett (3) gimghat mil-lum zmien biex is-socjeta` attrici tipprezenta r-rezakont taghha fir-rigward;

12.4.3. Tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-iskop fuq indikat wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet prezenti fir-rigward biex l-appuntament li jmiss ikun ghall-kumdita` taghhom;

12.5. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta *Integrated Business Systems Limited* biex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura;

12.6. Tirrizerva li tipprovdi ulterjorment fir-rigward fid-dawl tas-suespost.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli5

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------